Meta Majsi rtira mix-xogħol, kellu, imbierek Alla, 72 sena. Dak iż-żmien ma kienx hawn pensjoni għal wieħed li jirtira mix-xogħol li biha Majsi seta' sab il-mistrieħ ħdax-il sena qabel. Barra minn hekk, Majsi ma tantx gawda s-serħan tiegħu. Mhux għax ħalliena kmieni wara li rtira. Meta l-Mulej għajjatlu kien laħaq l-età veneranda ta' 89 sena. Iżda, miskin intefa' ġo sodda għal snin li żgur ħasshom bla tmiem. Waqt is-snin twal ta' xogħlu tant twaqqaf, li fl-aħħar saqajh ċedew. Povru Majsi, sefa martri tax-xogħol li tant ta b'dedikazzjoni, tbissim u ħlewwa, lilna n-nies ta' Ħal-Lija.

F'rokna ta' qalbi għandi mistura sogħba kbira li ma nista' ninsa qatt. Meta ibnu Dun Alfred kien għadu kappillan ta' Ħal Lija, kien kemm-il darba stedinni biex immur nara lil missieru li kien fis-sodda. Jien għalkemm kelli l-akbar xewqa li nagħmel dan, qatt ma wasalt biex nagħmlu. Meta kont determinat biex inżuru, ħija ikbar minni li joqgħod Ħal Lija, tani l-aħbar kiefra li Majsi kien ħalliena xi xhur qabel. B'sogħba kbira nitlob maħfra lil Majsi fil-ġenna għal dan in-nuqqas tiegħi.

Jien lil Majsi bqajt niftakru bħalma baqgħet tiftakru t-tabella ta' fuq il-ħanut li għadha mwaħħla f'postha sal-lum, bid-differenza li m'għadnix niftakru bħala Tom Xuereb ta' OXFORD SALOON, iżda bħala Majsi l-Parrukkier ta' Ħal Lija.

# Jacqueline

*B'tifkira ta' Jacqueline Catania li tilfet ħajjitha traġikament fl-eta' ta' 16-il sena nhar il-Ġimgħa 29 ta' Ottubru 1999*

Darba kien hemm Jacqueline
ħamiema protetta mil-liġi ta' l-isparar
Jacqueline ta' sittax-il rebbiegħa
imdandna bir-rix ta' l-O "Levels"
suċċess meraviljuż
Jacqueline li ħolmot il-bejta kennija
u xxenqet għal ġamra fi ljieli xitwin
Jacqueline li siktet ħesrem
mad-dagħwa b'Alla ta' mitt elf ċomba tikwi
li damdmet moħħha fietel frak
bizzilla mtertqa tħuf fi triq l-eternità

***Carmel Azzopardi***
15/11/99



# Is-Sibt 29 ta' Marzu 1986

Ilbieraħ rajthom telgħin
wara xulxin
l-Insara maħbubin....

U tpaxxejt nara l-ġinġrin
mas-somor imħalltin
il-għonja mal-fqajrin
iż-żgħażagħ max-xwejħin....

Kulħadd dritt qisu xemgħa
tela' ħdejh
biex bewsa jistampalu fuq ħaddejh.

Imbagħad l-istess ġilwa
imxiet tnejn tnejn biex tirċevih
u b'wegħda soda qaltlu li taqdih.

U hu b'rasu baxxa l-ħin kollu
jilqa' l-bews
u jinżel fl-istonku tas-sajmin
waqt li ġedded l-imgħoddi
ta' dawk il-jiem kiefra-henjin.

Ma' nżul ix-xemx ħarġuh idur
mat-toroq ewlenin
iżda rasu baqgħet
jew moħħha fil-Missier
inkella mitluqa
imdendla bejn dirgħajh miftuħa.

Tgħid fehem l-ipokresija
li hawn tiġri ma' saqajna
u f'liema stat t'idolatrija
aħna l-Maltin waqajna?

Meta dalam ċappa instama' leħen
jidwi mas-smewwiet:
"Ħlief iż-żgħirin – għax ma jafux –
lil Alla veru ma jħobbux....!"

***Alfred Massa***